Kunsill Lokali Kalkara ( Kalkara Local Council )
1 Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, Kalkara. Malta KKR1330
Email: Kalkara.lc@gov.mt Tel. No: 0035621665500
Website: www.kalkaralocalcouncil.com Fax. No: 0035621665566

Seduta nru 1/10

**Data**: 14 ta' Jannar 2010

**Hin**: 5.30p.m.

**Post**: Ufficcju tal-Kunsill Lokali

**Membri Prezenti:** Michael Cohen – Sindku
Norbert Grech – Vici Sindku
Speranza Chircop - Kunsilliera
Roderick Mizzi – Kunsillier
Maria Sultana – Kunsilliera

## Minuti:

1. Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tal-laqgha gew approvati wara korrezzjoni mill-Kunsilliera Speranza Chircop peress li din qalet li item 2.5 ghandu jizdied il-kliem "ghandhom jinxtghelu z-zkuk tal-palm tal-mina tal-Kalkara" fuq proposta tas-Sindku Michael Cohen sekondat mill-Kunsillier Roderick Mizzi.

2. Mill-Minuti:-

2.1 Centru Civiku – Is-Sindku qal li d-data ta' din il-laqgha giet posposta minhabba li wara li kien hemm komunikat irrizulta li t-talba mid-dipartiment tal-artijiet lill-Kunsill Lokali wehlet ghand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali ghal xgharejn shah.

2.2 Gemellagg – Il-korrispondenza relatata mal-iskola tal-Kalkara u l-iskola ta' Crespellano ghaddiet lill-Kunsilliera Silvia Rubini ghall-follow up. Il-korrispondenza tas-sur Umberto Savini ghall-progett tal-Unjoni Ewropea kellu jsir follow up taghha wkoll. Dar il-Wens ghadhom ghaddejjin bil-kuntatt mat-taljani wkoll.

Dwar il-fondi ghall-Gemellagg mill-Unjoni Ewropea mhux ser tilhaq issir l-applikazzjoni minhabba li d-deadline tas-submission hija fl-1 ta' Frar 2010.

2.3 Attivita' Kulturali f'Dicembru – L-attendenza ghal din l-attivita kienet fjakka hafna. Il-Kunsill iddiskuta sabiex issir xi tip ta' medalja biex tkun tista tinghata f'okkazjonijiet bhal dawn.

2.4 Tizjin tat-toroq - Ghas-sena li gejja qed jithejja pjan sabiex jizdied it-tizjin fil-lokal ghal zmien il-Milied. Il-Kunsilliera Speranza Chircop qalet li l-fustun tax-Xatt fis-Sajf ghandu jinxtehel kuljum. Hi qalet li ukoll li ghandu jitwahhal wiehed fil-pjazza Sagra Familja. Is-Sindku qal li mhux prattiku li l-fustum tax-Xatt jinxtehel kuljum, filwaqt dwar il-pjazza Sagra Familja, apparti li ma hemmx komunikazzjoni minn fejn jista jittiehed id-dawl, ghandu jsir studju ta' xogholijiet li jistghu isiru fil-pjazza, meta jitlesta x-xoghol li qeghdin jaghmlu tal-kazin Circolo San Giuseppe socjeta filarmonika Sagra Familja. Huwa qal li jkun aktar ideali li tintrama r-roundabout ta' Bighi bit-tizjin tal-Milied.

2.5 Mill-aggornament-

a. Ventilation fi Triq San Leonardu – Is-Sindku qal li peress li ghadu ma sar xejn, ghandu jerga jigi kkuntattjat il-Kuntrattur responsabbli.

b. Tindif – Dwar it-tindif fl-area ta' Bighi,is-Sindku qal li dan qieghed isir.

c. Monument tal-Gwerra – Is-Sindku qal li ghandha tohrog il-quotation fil-gazzetta sabiex tintlahaq id-data stipulata meta dan il-monument ghandu jitlesta.

d. Il-Kunsilliera Speranza Chircop infurmat lill-kunsill li ser isir kors dwar kif isiru d-dghajjes.

e. Il-Kunsilliera Maria Sultana staqsiet lis-Sindku kif ser tintuza dik l-informazzjoni li tlabna lill-pubbliku. Huwa qal li l-informazzjoni qieghda tingabar bil-ghan li ir-residenti jigu kkategorizzati bl-etajiet u tintuza sabiex attivitajiet u informazzjoni mill-Kunsill tintbghat lill-kategorija relatata.

3. Korrispondenza

Il-korrispondenza qieghda tintbghat bl-email lil kull kunsillier u ghandha tigi diskussa Memo 90/2009 bhala item.

4. Approvazzjoni tal-lista ta' Pagamenti

Giet approvata l-lista ta' pagamenti bin-numru tar-referenza 01/2010.

5. Memo 90/2009

Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li fejn huwa possibli japplika ghal kull skema mahruga mill-Gvern, fost dawk li hemm il-hsieb li ssir applikazzjoni ghalihom minn-Memo 90/2009 hemm dawn l-iskemi.

5.1 Skema ta' finanzjament ghal attivitajiet kulturali – Il-kunsill diga applika ghal din l-iskema ghal l-attivita li saret fit-28 ta' Dicembru 2009 fejn il-kunsill inghata 1,000 ewro ghal din l-attivita.

5.2 Skema ta' finanzjament ghall-accessibilita' f'Postijiet Pubblici – Il-Kunsill iddiskuta l-possibilita ghal din l-applikazzjoni u gie deciz li jsir l-istudju fuq l-accessibilita fl-iskola primarja tal-Kalkara. Gie deciz li jitqabbad il-Perit Valerio Schembri sabiex ihejji ir-rapport. Il-Kunsilliera Maria Sultana ghandha tiftiehem mal-perit u jiddiskutu fuq il-post x'possibilitajiet hemm ghal aktar accessibilita' fl-iskola primarja.

5.3 Skema ta' finanzjament ghal Energija Nadifa – Is-Sindku qal li hemm il-possibilita li ghal din l-iskema jitpogga l-progett tal-SEAP.

5.4 Public Private Partnership fuq Toroq – Is-Sindku fiehem din l-iskema lill-Kunsilliera u lest li jidhol ghal din l-iskema.

5.5 Skema ta' finanzjament lil lokalitajiet bi bzonnijiet partikolari – Is-sindku ddiskuta din l-iskema mal-kunsilliera u ssemmiet il-possibilita li ssir applikazzjoni ghal improvement fil-bajja ta' Rnella. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta ghal din l-iskema.
5.6 Fond ghal Libreriji – Il-Kunsill qabel li issir l-applikazzjoni ghal din l-iskema.
5.7 Inizjattivi ta' lifelong learning – Il-Kunsill qabel li meta tohrog din l-iskema issir l-applikazzjoni ghaliha.
5.8 Skema ta' finanzjament gat-tnehhija ta' Aerials tat-television fuq il-bjut – Il-Kunsill ghad irird jiddiskuti din l-iskema meta tohrog.
5.9 Ghajnuna ghat-thawwil ta' sigar – Il-Kunsill iddiskuta din l-iskema u iddecieda li ser jiehu sehem fiha billi jintalbu ammont ta sigar li jistghu jithawwlu fl-area gewwa l-iskola primarja.
5.10 Skema ta' finanzjament ghal Inizjattivi fil-qasam socjali – Il-kunsill iddiskuta din l-iskema u ghandu jikkunsidra l-possibilitajiet li jiehu sehem fiha meta din l-iskema tigi fis-sehh.
5.11 Skema ta' finanzjament ghal hidma ghal lokalitajiet indaf - Il-Kunsill ser jiehu sehem f'din l-iskema, billi tigi identifikata area fil-Kalkara fejn isir dan it-tindif.
5.12 Skema ta' finanzjament ghal restawr ta' postijiet storici zghar – Giet diskussa l-possibilita li l-Kunsill jiehu sehem f'din l-iskema u ghandhom jigu identifikati dawk il-postijiet li jikkwalifikaw ghal din l-iskema.
5.13 Skema ta' finanzjament ghal lokalitajiet sostenibbli – Is-sindku semma l-possibilita li l-Kunsill jiehu sehem f'din l-iskema pero ghandha tigi diskussa aktar il-quddiem.
5.14 Festival Gemellaggi – Il-kunsill huwa lest li jiehu sehem f'din l-inizjattiva.
5.15 Ghajnuna lill-Kunsilli Lokali li jkunu involuti fl-organizzazzjoni ta' attivitajiet mill-Gvern Centrali fuq skala nazzjonali- Il-kunsill iddecieda li jekk jaghti l-kaz, jiehu sehem f'din l-inizjattiva.

6. <u>Kwotazzjoni ghall-preparamenti tar-rapport tas- SEAP</u>

Is-Sindku qal li ir-registrazzjoni fil-patt tas-Sindku saret f'Gunju 2009 u hemm ic-cans sa Gunju 2010 sabiex jintbghat ir-rapport dwar "Sustanable Energy Action Plan (SEAP) ghall-lokal tal-Kalkara. Il-prezz mitfugh ghal din il-kwotazzjoni kien ta' 3,700 ewro mitfugh mill-Kumpannija Econing Engineering Consultancy. Il-Kunsill qabel ma din l-oferta. Is-Sindku gharraf lill-kunsill li l-prezz ghal dan ir-rapport jista jigi refunded mill-iskema tal-Energija.

7. <u>Performance Bonus tas-Seg Ezekuttiv</u>

Is-Sindku ressaq il-performance bonus tas-Seg Ezekuttiv ghall-approvazzjoni tal-Kunsill u fejn dan gie approvat b'vot unanimu.

8. <u>Aggornament</u>

8.1 <u>Il-Kunsilliera Maria Sultana qajjmet dawn il-punti:</u>

a. Ser isir kors tal-ingliz ghall-adulti, jibda nhar il-25 ta' Jannar kull nhar ta' Tnejn filghodu.
b. Ser isir kors Woman for Employment ikkordinat mill-ETC u jintuzaw il-premises tal-Kunsill, dan ser jibda fil-25 ta' Jannar 2010 u jispicca fil-5 ta' Marzu 2010.
c. Is-Serata tal-Karnivall ghat-tfal ser issir il-Gimgha 12 ta' Frar fix-Xatt
d. Ser jigi organizzat kors tal-lingwa taljana ghall-adulti li ser jibda f'Marzu u fit-tmiem tal-kors(f'Lulju) jinghata certifikat mit-taljani gemellati maghna.

e. Issir it-tindifa fil-parti ta’ fuq ta’ l-iskola ghaliex hem mil-hsieb li ssir attivita’ tat-thawwil ta’ pjanti u sigar.
f. Attivita’ ghat-tfal tal-iskola fl-afforestazzjoni ta’ Rnella.
g. Il-hajt tat-tarag ta’ triq San Mikiel qieghed fi stat hazin u perikoluz.

8.2 <u>Il-Kunsilliera Speranza Chircop qajjmet dawn il-punti:</u>

a. Fit-13 ta’ Jannar kellha laqgha mas-Sur Ronald Galea ta’ Dar il-Wens fejn hija ssuggeriet li tmur persuna residenti f’dar il-wens, taghmel xi wiehed mill-korsijiet li jigi organizzati bla hlas.
b. Kien hemm xi lmenti minn xi residenti li lmentaw li l-kennies m’huwiex jigbor it-trab ta’ that il-bankina. Is-Sindku qal li ghandu jigi kkuntattjat il-kuntrattur sabiex jingabar bl-isweeper.
c. Talbet biex isiru bins fil-housing estate ta’Rinella, biex jarmu fliexken tal-plastik u u l-karti.
d. Ser isiru korsijiet tal-Hansa b’sussidju ghal dawk li ghandhom il-kartanzjan.

Il-laqgha giet fi tmiemha fit-8.30 ta’ filghaxija

M.Cohen
Sindku

S.Galea Iriele
Seg Ezekuttiv